Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 609/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Antonello Grech)**

**- vs -**

**Gorg Schembri bin Joseph u Josephine nee' Zammit, imwieled fis-7 ta' Marzu, 1966 u residenti 3, Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex.**
**Numru tal-karta tal-Identita' 9066(G)**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **GORG SCHEMBRI** gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar id-dsatax (19) ta' Lulju, 2006 ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl (11:00pm) bhala persuna li fuq ismu ghandu licenza tan-'Neptune Bar' li

qieghed fi Triq tax-Xtut, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex:-

1. pogga jew ippermeta li jitpoggew imwejjed u ghamara ohra fuq barra l-imsemmi stabbiliment u dan minghajr licenzja mill-Awtoritajiet kompetenti.

Il-Qorti;

Semghet il-provi tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr. Joseph Grech ghan-nom tal-MTA.

Rat l-affidavit ta' PC 1120 Anthony Stellini u l-okkorrenza tal-Pulizija Ezekuttiva datata 26 ta' Lulju, 2006, dwar rapport li jirrisali ghal nhar id-19 ta' Lulju, 2006.

Rat il-licenzja mahruga mill-MTA.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizultax provata u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma issibx lill-imputat hati ta' din l-akkuza u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------